# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**(Spettur Kevin Pulis )**
**vs**
**Mario Baldacchino**

**Kumpilazzjoni Numru 632/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi **Mario Baldacchino,** ta' 51 sena, iben Paul u Maria nee' Vassallo, imwieled Siggiewi nhar l-20 ta Ottubru 1969, residenti gewwa 31, Harmony, Flat 2, Triq il-Kus, Hal-Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0447469M.

1. Akkuzat talli fis-26 ta' Settembru, 2021, ghall-habta tal-erbgha ta` wara nofs in-nhar u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta'xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 1085, PC 21 u PC 319, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtiija skond il- ligi mill-awtorita kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PS 1085, PC 319 u PC 21 persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC319, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid lil Clayton Farrugia, jew jekk tkun ipprovokajt, inġurjajt b’mod li toħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ sena prigunerija sospiza ghal tlett snin, liema sentenza inghatat lilek mil-Qorti tal-Magistrati Malta, mil-Magistrat Dr.Astrid May Grima LL.D., li nghatat fil-31 ta’ Janar 2019 liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat Mario Baldacchino bhala li hu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hatj ta’ diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offizi, cioe’ PS1085, PC 21 u PC319 jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar l-1 ta' Awwissu 2022 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u l-piena prospettata ghar-reati li bihom huwa addebietat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara l rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 95, 96, 214, 215, 221, 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **disgha (9) xhur prigunerija** u **multa ta' erbghat elef Euro (€4,000)**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 qed taghzel li **ma tirrendiex ezekuttiva s-sentenza ta' sena prigunerija datata 31 ta' Jannar 2019, u taghzel minflok li testendi l-perjodu operativ ta' din is-sentenza ghal perjodu iehor ta' tlett snin** li ghandu jibda jiddekorri mill-llum.

In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata ta'l-atti, flimkien ma' access għal kopja skenjata tas-sentenza.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**